# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju 2024**

**Numru 3**

**Rikors numru 152/2009/1 SM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**v.**

**Willsmart Limited (C-26279)**

**Alfred u Marlene miżżewġin Williams,**

**u skont digriet datat it-2 ta' Diċembru, 2009,**

**intervjena fil-kawża Dunstan Williams**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tas-soċjetà konvenuta rikonvenjenti u tal-intervenut fil-kawża minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li

ċaħditilha t-talba rikonvenzjonali għad-danni kontra l-bank attur wara li rriduċa l-massimu tal-faċilità *overdraft* wara li skopriet li l-garanti kkommetta frodi għad-dannu tal-istess bank attur. Il-partijiet l-oħra appellaw dwar l-ispejjeż.

**Daħla**

2. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat quddiem il-**Qorti Ċivili, Prim' Awla (l-Ewwel Qorti)** fit-18 ta' Frar, 2009 **Bank of Valletta p.l.c. (il-Bank Attur)** wara li ppremetta, illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fiż-żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon datati 18 ta' Awwissu, 2000, il-bank attur ikkonċeda faċilitajiet bankarji lis-**soċjetà konvenuta Willsmart Limited (is-Soċjetà Konvenuta)**; illi l-bank attur huwa kreditur tas-soċjetà konvenuta fis-somma ta' €151,886.20 bilanċ għad-debitu fil-"Loan and Overdraft Accounts" tas-soċjetà konvenuta mal-bank attur flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-27 ta' Novembru, 2008 sad-data tal-effettiv pagament; illi permezz taż-żewġ kuntratti imsemmija **l-konvenuti Alfred u Marlene miżżewġin Williams (il-konvenuti Garanti)** iggarantew flimkien u *in solidum* mas-soċjetà konvenuta a favur il-bank attur id-debiti tal-istess soċjetà konvenuta mal-bank attur; illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija partikolarment illi s-soċjetà konvenuta u l-konvenuti garanti (i) naqsu milli jħallsu il-pagamenti dovuti lill-bank attur kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (ii) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti,

u/jew (iii) seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess soċjetà konvenuta u tal-konvenuti garanti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lill-bank attur.

3. Magħmula dawn il-premessi l-bank attur talab lill-Ewwel Qorti,

> 1. "Tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija partikolarment illi s-soċjetà konvenuta u l-konvenuti garanti (i) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lill-bank attur kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (ii) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti, u/jew (iii) seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess soċjetà konvenuta u tal-konvenuti garanti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lill-bank attur.
>
> 2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta u lill-konvenuti garanti "in solidum" jħallsu lill-bank attur is-somma ta' €151,886.20 bilanċ għad-debitu fil-"Loan and Overdraft Accounts" tas-soċjeta konvenuta mal-bank attur flimkien ma' l-imgħax ulterjluri mis-27 ta' Novembru, 2008 sad-data tal-effettiv pagament;
>
> Bl-ispejjeż."

4. **Is-soċjetà konvenuta u l-konvenuti garanti** laqgħu għat-talbiet attriċi billi ressqu l-eċċezzjonijiet segwenti:

> 1. "Illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-somma ta' €151,886.20 ma tirrapreżentax fedelment il-bilanċ allegatament dovut mis-soċjetà intimata liema bilanċ huwa somma inferjuri;
>
> 2. Illi mingħajr preġudizzju, l-konvenuti garanti jiddikjaraw li ġew imħarrka inutilment peress li s-soċjetà konvenuta għandha x'jagħmel tajjeb għall-bilanċ dovut, dejjem ħallset il-pagamenti dovuti u għalhekk ma kellux għalfejn il-bank attur idur għall-konvenuti garanti;
>
> 3. Illi jekk il-konvenut Alfred Williams għandu problemi mal-bank attur dan ma għandux ibagħtihom is-soċjetà konvenuta meta hija estranea u ma għandha x'taqsam xejn ma' dawn il-problemi."
>
> -

5. Is-soċjetà konvenuta pprevalixxiet ruħha mid-dritt ta' rikonvenzjoni *ai termini* tal-artikolu 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

6. Wara li ppremettiet, illi fl-14 ta' Lulju, 2000 il-bank attur aċċetta li jagħti faċilitajiet bankarji lis-soċjetà konvenuta fis-somma ta' Lm75,000.00 li kienet maqsuma Lm15,000.00 bħala 'overdraft' filwaqt li Lm60,000.00 bħala self; illi l-bank attur obbliga lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti sabiex tipproduċi diversi garanziji u cioè (i) garanzija ta' Lm10,000.00 fi flus kontanti, (ii) ipoteka ġenerali fuq l-assi tas-soċjetà konvenuta, (iii) ipoteka speċjali fuq il-proprjetà ta' Dunstan Williams[1], (iv) privileġġ speċjali fuq l-istess proprjetà, (v) ipoteka ġenerali mill-konvenuti garanti, (vi) ipoteka speċjali fuq żewġ proprjetajiet tal-konvenuti garanti, u (vii) garanzija fuq polza ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja tal-intervenut fil-kawża Dunstan Williams; illi fit-18 ta' Awwissu, 2000 il-partijiet iffirmaw kuntratt pubbliku ta' *overdraft* u self quddiem in-Nutar Dr Henry Saydon; illi fit-12 ta' Lulju, 2002 il-bank attur aċċetta li jagħti self lil Dunstan Williams personalment għall-ammont ta' Lm20,000,00 sabiex jixtri proprjetà ġewwa Cospicua; illi l-bank attur obbliga lil Dunstan Williams personalment sabiex jagħti s-segwenti garanziji: (i) ipoteka ġenerali fuq l-assi tiegħu preżenti u futuri, (ii) ipoteka speċjali fuq il-proprjetà tiegħu f'Cospicua, (iii) garanzija ta' polza ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja tiegħu, (iv)

[1] Dunstan Williams intervjena fil-kawża b'digriet tat-2 ta' Diċembru, 2009

garanzija ta' polza ta' assigurazzjoni fuq il-proprjetajiet tiegħu; illi fit-22 ta' Ottubru 2002 il-partijiet iffirmaw kuntratt pubbliku ta' xiri u self quddiem in-Nutar Dr Henry Saydon; illi sew is-soċjetà konvenuta sew l-intervenut Dunstan Williams kienu qed jużaw il-faċilitajiet skont ma kienu intiżi fil-limiti tal-ftehim mal-bank attur u dwar is-self lis-soċjetà konvenuta kienu qed isiru l-pagamenti lura lill-bank attur saħansitra b'rata akbar minn dawk mifthema bir-riżultat li kienet avanzata sew fil-ħlasijiet; illi dwar is-self personali ta' Dunstan Williams il-ħlas qed isir b'mod regolari; illi għal ħabta ta' Marzu 2003 il-konvenut garanti Alfred Williams kien ġie arrestat u mressaq il-Qorti akkużat bi frodi u misapproprjazzjoni għad-dannu tal-bank attur; illi f'Diċembru 2002 il-bank attur iffriża l-kontijiet tas-soċjetà konvenuta mingħajr pre-avviż u mingħajr ġustifikazzjoni *nonostante* li s-soċjetà konvenuta kienet circa sentejn bil-quddiem fil-ħlasijiet; illi l-bank attur beda jeżerċita pressjoni qawwija fuqu sabiex jagħmel tajjeb għal dak li l-bank attur kien qed jallega li kellha tirċevi mingħand il-konvenut garanti Alfred Williams; illi fit-30 ta' Jannar 2003 l-intervenut fil-kawża Dunstan Williams ġie msejjaħ mill-bank attur u ngħata 'sanction letter' li kienet tgħid li l-bank attur kien lest li jagħti faċilita' lil Dunstan Williams fis-somma ta' Lm153,876.85 liema self Dunstan Williams qatt ma talab; illi b'din is-*sanction letter* il-bank attur irrikatta lis-soċjetà konvenuta illi jekk Dunstan Williams ma jidħolx għal dak is-self il-faċilitajiet bankarji tagħha ma kienux ser jerġgħu joperaw; illi għalkemm Dunstan Williams iffirma dik is-*sanction letter* huwa rrifjuta li jidħol għal dak is-self; illi l-bank qed jagħmel

pressjoni indebita u abbużiva fuq is-soċjetà konvenuta sabiex tagħmel tajjeb għad-debitu ta' Alfred Williams; illi b'dan l-aġir il-bank attur abbuża mill-pożizzjoni dominanti tiegħu fil-kuntest tar-relazzjoni kontrattwali ta' bejnu u bejn is-soċjetà konvenuta u li għalhekk aġixxa *in mala fede* u bi ksur tal-*buona fide*; illi din is-sitwazzjoni bblokkat l-attività kummerċjali tas-soċjetà konvenuta u tal-intervent fil-kawża u ġabet danni konsiderevoli sew fuq l-attività kummerċjali preżenti kif ukoll għall-espansjoni tan-negozju tiegħu u diversifikazzjonijiet li kienu ippjanati li jsiru għal-liema danni għandu jwieġeb il-bank attur.

7. Talbu għalhekk lill-Qorti,

> 1. "Tiddikjara lill-bank attur responsabbli għad-danni ikkawżati lis-soċjetà konvenuta bħala riżultat ta' l-aġir tal-bank attur kif fuq premess;
>
> 2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-soċjetà konvenuta;
>
> 3. Tikkundanna lill-bank attur rikonvenzjonat iħallas lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti d-danni hekk likwidati."

8. Fil-15 ta' Lulju, 2009 il-bank attur rikonvenzjonat ippreżenta risposta ġuramentata għat-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetà konvenuta.

9. B'digriet tad-9 ta' Marzu, 2010 l-Ewwel Qorti awtorizzat l-intervent fil-kawża ta' **Dunstan Williams (l-Intervenut fil-Kawża)**.

10. Fit-22 ta’ Marzu, 2010 l-intervenut fil-kawża ippreżenta risposta ġuramentata u kontrotalba filwaqt li fis-7 ta’ April, 2010 il-bank attur ippreżenta risposta ġuramentata għall-kontrotalba tal-intervenut fil-kawża.

11. Fis-27 ta’ Mejju, 2010, wara li sar il-ħlas tas-sorte fil-mori tal-kawża, l-bank attur ċeda l-pretensjoni tiegħu kif dedotta fir-rikors maħluf limitatament fir-rigward tas-sorte, filwaqt li żamm fermi u sħaħ il-pretensjonijiet tiegħu fir-rigward tal-ispejjeż tal-kawża kif ukoll żamm fermi u sħaħ l-eċċezzjonijiet kollha minnu mressqa għat-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetà konvenuta u tal-intervenut fil-kawża.

12. B’sentenza tas-17 ta’ Novembru, 2016 l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetà konvenuta u tal-intervenut fil-kawża. Dwar l-ispejjeż qalet hekk: “Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimati fuq riferiti”.

13. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> 16.0.Illi l-fatti li essenzjalment taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:
>
> 16.1. Illi l-bank rikorrenti originarjament talab lill-qorti tiddikjara li sehhew xi wahda jew aktar mill-grajjiet elenkati fil-kuntratti datati t-18 t’Awwissu, 2000, (ara foll 5 u 12), u li konsegwentement l-intimati kellhom ghalhekk ihallsu lill-istess bank il-bilanc rimanenti talistess

self u overdraft tas-socjeta` intimata u tal-intimati Alfred u Marlene konjugi Williams ammontanti ghal €151,886.20;

16.2. Illi eventwalment, permezz ta' nota datata s-27 ta' Mejju, 2010, l-istess bank rikorrenti: (ara foll 369)
16.2.1. Ceda l-pretensjoni tieghu fuq riferita firrigward tas-sorte, (ara foll 1);

16.2.2. Zamm ferm il-pretensjoni tieghu rigwardanti lispejjez;

16.3. Illi min-naha taghhom is-socjeta` intimata u l-intervenut fil-kawza fuq riferiti intavolaw kontrotalba fil-konfront talbank rikorrenti fejn permezz tal-istess essenzjalment zammew lill-bank rikorrenti responsabbli ghad-danni minnhom hemm allegati, (ara foll 255 u 356 rispettivament);
Ikkunsidrat:

17.0.Illi analizi temporanju ta' kif zvolgew il-fatti bejn il-kontendenti jista' jigi rispekjat b'dan il-mod:

17.1. Illi permezz ta' zewg kuntratti in atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon datati t-tnejn it-18 t'Awwissu, 2000, il-bank rikorrenti ta lis-socjeta` intimata facilitajiet bankarji konsistenti rispettivament:
17.1.1. F'overdraft ta' Lm15,000.00; u

17.1.2. F'self ta' Lm60,000.00, (ara foll 5 u 12);

17.2. Illi ghal dawn il-facilitajiet bankarji jirrizulta li ghamlu tajjeb il-konjugi intimati;

17.3. Illi wara ammissjoni tieghu stess, l-intimat Alfred Williams instab hati ta' frodi permezz ta' sentenza talQorti tal-Magistrati datata t-22 t'Ottubru, 2007, (ara foll 649);

17.4. Illi konsegwenza tal-istess il-bank rikorrenti hass li l-garanzija moghtija mill-istess intimat Alfred Williams flimkien ma' martu kienet ghalhekk gravament pregudikata;

17.5. Illi ghalhekk il-bank rikorrenti waqqaf il-facilita` tal-overdraft precedentement moghtija lis-socjeta` intimata u kienu inbdew negozjati biex is-socjeta` intimata taghmel tajjeb ghall-obbligi li kien assuma l-intimat Alfred Williams stante li l-istess bank rikorrenti tilef il-fiducja li seta' kellu fl-istess intimat in kwistjoni;

17.6. Illi fid-dawl tas-suespost giet redotta sanction letter u iffirmata mir-rapprezentant tas-socjeta` intimata biex din tidhol garanti ghad-dejn tal-intimat Alfred Williams;

17.7. Illi pero` il-kuntratt finali fir-rigward baqa' qatt ma' gie iffirmat;

17.8. Illi l-intimati u l-intervenut isosstnu li l-agir tal-bank rikorrenti hu ekwivalenti ghal rikatt biex ipoggi pressjoni fuqhom biex dawn jidhlu garanti ghad-djun ta' l-intimat Alfred Williams; 17.9. Illi meta l-intimati ma kkoperawx, il-bank rikorrenti waqqaf il-facilita` bankarja tal-overdraft lilhom moghtija, u dan, minghajr pre avviz;

17.10. Illi din l-azzjoni ikkawzatilhom danni ingenti;

17.11. Illi min-naha tieghu l-bank rikorrenti isosstni li: (ara foll 449D)

17.11.1. Kellu d-dover jissalvagwardja l-assi li ghalihom hu responsabbli;

17.11.2. L-azzjoni kriminali konkluza kontra l-intimat Alfred Williams effettwat il-kredibilita` talintimati;

17.11.3. Dam jissaporti s-sitwazzjoni u m'agixxiex b'ghaggla fil-konfront tal-intimati;

17.11.4. Lanqas intavola mandati ta' sekwestru, qbid u t'inibizzjoni fil-konfront tal-intimati;

17.11.5. Dam sitt (6) snin qabel ma ipproceda filkonfront tal-intimati;

17.12. Illi in vista tal-premess l-intimati ma soffrew l-ebda danni;

Ikkunsidrat:

18. Illi l-bazi tal-kontrotalba kemm tas-socjeta` intimata kif ukoll tal-intervenut fil-kawza hi li l-bank agixxa abbuzivament u illegalment fil-konfront taghhom meta f'Dicembru, 2002, ghalaq il-facilitajiet li hu kien precedentement ikkonceda lis-socjeta` intimata;

19. Illi s-socjeta` intimata issosstni li l-bank rikorrenti agixxa b'dan ilmod biex jezercita pressjoni indebita fuq l-istess socjeta` intimata biex hi tassumi djun ta' haddiehor;

20. Illi rizultat ta' dan l-agir tal-bank rikorrenti, s-socjeta` intimata issosstni li soffriet danni;
Ikkunsidrat:

21.0.Illi tenut kont tal-fatt li l-bank rikorrenti irrinunzja ghat-talbiet tieghu fil-konfront tal-intimati bl-eccezzjoni tal-ispejjez ilprocedura odjerna hi allura limitata ghall-epurazzjoni tat-talbiet kontenuti fil-kontrotalbiet rikonvenzjonanti u fuq ir-risposti talbank rikonvenzjonat ghall-istess, u f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi l-bank rikorrenti jirrispondi li t-talbiet kontenuti filkontrotalba tas-socjeta` intimata u tal-intervenut filkawza huma nulli, (ara foll 307 u 360);

21.2. Illi l-vertenza hemm riferita ssib ir-risoluzzjoni taghha b'referenza ghall-artikli 960 sa 962 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddeterminaw l-intervent f'kawza in statu et terminis;

21.3. Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-insenjament talqorti tal-Appell (Superjuri), fil-kawza fl-ismijiet Joseph Buhagiar proprio et nomine vs. Carmel sive Charles Psaila, datata l-31 ta' Jannar, 1996, Vol XXX (1996) Part 2 Taqsima 1 foll 339, fejn irriteniet issegwenti: "... hija pacifika d-distinzjoni fir-rwol tal-intervenut fil-kawza u l-kjamat fil-kawza. Distinzjoni nettament definita fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili – artikoli 960/962. Distinzjoni li ssib il-qofol taghha fil-fatt li l-kjamat in kawza, a differenza tal-intervenut, hu ikkunsidrat bhala konvenut, u jista' jigi liberat jew ikkundannat";

21.4. Ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, ghandu jkun pacifiku li l-intervenut mhuwiex intimat konvenut fil-procedura;

21.5. Illi konsegwentement issir referenza ghall-artiklu 396 tal-Kap 12 in kwistjoni, li jistipula bi kjarezza li hu lkonvenut, (illum l-intimat), li "jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur", (illum ir-rikorrenti);

21.6. Illi konsegwentement isegwi li gialadarba l-intervenut mhuwiex ekwiparabbli ma konvenut jew intimat, isegwi li l-intervenut fil-kawza ma jistax u mhux possibbli ghalih li jintavola kontrotalba;

21.7. Illi in vista tal-premess, l-ewwel risposta tal-bank rikorrenti rikonvenzjonat intavolata fil-konfront talintervenut fil-kawza Dunstan Williams ghandha tigi akkolta;
Ikkunsidrat:

22.0.Illi fuq l-allegati danni sofferti mis-socjeta` intimata jinghad sintetikament is-segwenti: 22.1. Illi din is-socjeta` intimata tallega li

l-bank rikorrenti waqfilha l-kontijiet taghha u uza pressjoni fuqha biex tassumi d-djun ta' haddiehor – senjatament tal-intimat Alfred Williams; 22.2. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata soffriet danni allegatament ingenti stante li is-sopressjoni tal- overdraft taghha mill-bank rikorrenti waqqafha milli tkompli tinnegozja fil-qasam tas-supermarket li kienet tiggestixxi;

22.3. Illi in effetti l-facilita` tal-overdraft twaqqfet f'Dicembru, 2002, (ara foll 256);

Ikkunsidrat:

23. Illi ssir riferenza ghad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili flismijiet Gustu Debono vs. Emanuel Buhagiar datata l-21 t'Ottubru, 2002, li tghid: "Ghalhekk, jekk fl-uzu jew fl-ezercizzju tad-dritt jarreka hsara lil dan it-terz, huwa ghandu jwiegeb ghaliha. Hsara li ma jkunx responsabbli ghaliha jekk dak l-uzu jkun "fil-qies li jmiss", (artiklu 1030 Kodici Civili);

24. Illi fid-dawl tas-suespost, biex il-bank rikorrenti ikun jista' jigi ritenut responsabbli ghad-danni kif sollecitat mis-socjeta` intimata, trid tirrizulta xi forma ta' "htija" stante li kif jistabbilixxi lartiklu 1031 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta: "... kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu";
Ikkunsidrat:

25. Illi kif jirrizulta mill-kuntratt datat it-18 t'Awwissu, 2000, ilkontendenti ftehmu is-segwenti: (ara foll 13) "It is agreed that the indication of fifteen thousand Maltese Liri, (Lm15,000.00), as a limit shall not imply any obligation on the part of the Bank to allow the Customer to overdraw to such figure of any right of the Customer to banking facilities up to that amount, it being understood that the total amount up to which the Customer may become indebted to the Bank shall at all times be at the absolute discretion of the Bank";
Ikkunsidrat:

26. Illi l-facilitajiet bankarji moghtija lis-socjeta` intimata huma dawk indikati fil-paragrafu numru zbatax punt wiehed u tnejn, (17.1. u 17.2.) aktar qabel);

27. Illi l-ammont li hu l-mertu tal-procedura odjerna hu dak rigwardanti l-overdraft – effettivament ekwivalenti ghal Lm15,000.00;

28. Illi in kawtela ghall-istess, l-intimati konjugi Williams ipotekaw il-proprjeta` immobbiljari taghhom, (ara foll 14);

29. Illi ghalhekk, kien biss in segwitu ghal din il-garanzija ipotekarja li l-bank rikorrenti ikkonceda l-istess facilita` lis-socjeta` intimata;

30. Illi sussegwentement jirrizulta li l-istess proprjeta` hekk ipotekata, senjatament hanut u mahzen it-tnejn fi Triq Wigi Rosato, Bormla, (ara foll 14), giet ipperikolata meta gie skopert li l-intimat Alfred Williams kien effettivament qieghed jiddefrawda lill-bank rikorrenti billi kien qieghed jiffabbrika dokumenti foloz rigwardanti xiri ta' hekk imsejha "white goods", (ara foll 649);

31. Illi effettivament l-istess intimat Alfred Williams, anke fuq ammissjoni tieghu stess, instab hati fi proceduri kriminali appoziti decizi fit-22 t'Ottubru, 2007, (ara foll 649);

32. Illi konsegwentement, il-proprjeta` tal-intimati konjugi Williams li sa dak il-mument kellha taghmel tajjeb u tiggarantixxi s-serhan il-mohh tal-bank rikorrenti biex jikkoncedi l-facilitajiet bankarji fuq imsemmija lis-socjeta`intimata, issa kellhom jaghmlu tajjeb ukoll ghall-obbligi tal-intimat Alfred Williams billi issa kellu jhallas lura s-somma minnu defrawdata ammontanti ghas-somma kospikwa ta' €456,997.00, (ara foll 652);

33. Illi meta l-bank rikorrenti gie a konjizzjoni ta' dawn l-izviluppi, baxxa l-limitu tal-overdraft tas-socjeta` intimata sal-ammont li din is-socjeta` kienet lahqet uzat sa dak il-mument – senjatament sa Lm10,600.00 (ara foll 217 sa 236);

34.0.Illi ghalhekk ghandu jigi sottolineat li meta l-bank rikorrenti ha l-imsemmi pass riferit fil-paragrafu precedenti dan:

34.1. Mhux biss kellu raguni valida ghal dan ghaliex kien dovut minnu li jipprotegi r-risorsi tieghu minn kull abbuz; izda wkoll

34.2. Ghaliex mexa a bazi tal-klawsola tal-kuntratt fuq citata, (ara paragrafu numru hamsa u ghoxrin, (25.), aktar qabel);

35. Illi fid-dawl tal-izviluppi fuq elenkati ghandu ghalhekk ikun pacifiku li l-proprjeta` ipotekata mill-intimati konjugi Williams fil-kuntratt de quo ma baqghetx aktar valida biex isservi ta' garanzija ghall-facilitajiet koncessi mill-bank rikorrenti lissocjeta` intimata;

36. Illi din il-qorti hi sodisfatta li b'dan l-agir tal-intimat Alfred Williams il-bank rikorrenti gie pregudikat serjament stante li l-proprjeta` originarjament ipotekata bil-kuntratt tat-18 t'Awwissu, 2000, (ara foll 14), ma baqghetx aktar possibbli ghaliha li taghmel

tajjeb ghall-facilitajiet tas-socjeta` intimata stante li issa irrizulta li kellha wkoll taghmel tajjeb ghar-risarciment li issa kellu jsir ghas-somma defrawdata lill-bank stess mill-imsemmi intimat Alfred Williams;

37. Illi konsegwentement kien ghalhekk, li biex jissalvagwardja l-interessi tieghu, il-bank rikorrenti kien kostrett ibaxxi l-limitu tal-facilita` tal-overdraft originarjament koncessa lis-socjeta` intimata;
Ikkunsidrat:

38. Illi minn ezami tar-rizultanzi in atti, ma jirrizulta li giet ezercitata l-ebda vjolenza, pressjoni jew prepotenza mill-bank rikorrenti fuq l-intimati;

39. Illi minflok jirrizulta li saret laqgha bejn il-kontendenti, lkoll assistiti mill-avukati rispettivi, fejn gew diskussi xi soluzzjonijiet fid-dawl tar-rizultanzi preokkupanti li zviluppaw permezz tal-procedura kriminali fuq riferita;-

40. Illi jirrizulta pero` li meta l-partijiet gew biex jabbozzaw il-kuntratt ta' transazzjoni, l-intimati naqqsu li jersqu ghall-istess u kollox twaqqaf hesrem;

41. Illi kien f'dan l-istadju fejn il-bank rikorrenti "... ghamel is-snin wara is-sena 2003 meta twaqqfu l-facilitajiet jistenna li Willsmart Limited tirregolarizza is-sitwazzjoni taghha..." inutilment, li l-bank rikorrenti ma regax zied il-limitu tal-overdraft in dizamina, (ara foll 449D);

42. Illi f'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Joseph Busuttil ghal Tessons Limited vs. Anthony Zahra, datata l-25 ta' Marzu, 2004, li rriteniet is-segwenti: "Skont il-gurisprudenza lokali, "biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi, u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli, u li tiggenera l-biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal danni gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indagini li hija mhollija internament fil-prudenza tal-qorti" - "Aquilina vs. Farrugia" deciza fit-3 ta' Mejju, 1993, osservat li l-vjolenza bhala vizzju tal-kunsens irid ikun determinanti u jimmanifesta minacci veri u serji lill-persuna tal-komparenti jew talfamilja tieghu";

43. Illi l-allegazzjoni tas-socjeta` intimata li soffriet vjolenza morali u pressjoni indebita tirreferi ghall-laqgha li saret fl-ufficji principali tal-bank rikorrenti biex il-kontendenti jasslu fi ftehim li l-istess socjeta` intimata tiggarantixxi ghad-djun issa ingenti tal-intimat Alfred

Williams, u dan, wara l-izvilupp sussegwenti li kien hemm fid-dawl tal-akkuzi ta' frodi u misapproprijazzjoni vantati fil-konfront tieghu u tal-eventwali kundanna fir-rigward;

44. Illi jirrizulta li l-idea li l-istess socjeta` intimata taghmel tajjeb ghal dan id-dejn kospikwu hekk rizultanti effettivament originat mill-istess socjeta` intimata u mir-rapprezentant legali li kien hemm qieghed jassistiha;

45. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tal-istess socjeta` rikorrenti li intuza abbuz, prepotenza jew posizzjoni dominanti fil-konfront taghha ma tirrizultax avallata mill-fatti;

14. Il-bank attur qies illi fis-sentenza msemmija l-Ewwel Qorti ma kenitx iddeċidiet il-kap tal-ispejjeż dwar l-azzjoni attriċi u dwar il-kontrotalba tal-intervenut fil-kawża u għalhekk b'rikors tad-29 ta' Novembru, 2016 talab *ai termini* tal-artikolu 235 tal-Kap. 12, sabiex tiddeċiedi (i) dwar il-kap tal-ispejjeż relattivament għat-talbiet attriċi kif imressqa fir-rikors ġuramentat u (ii) dwar il-kap tal-ispejjeż tal-kontrotalba istitwita mill-intervenut fil-kawża. B'digriet kamerali tal-5 ta' Diċembru, 2016 l-Ewwel Qorti pprovdiet hekk "tilqa' it-talba hemm inkluza".

15. Is-**soċjetà konvenuta Willsmart Limited (minn issa tissejjaħ ukoll is-Soċjetà Appellanti) u l-intervenut fil-kawża Dunstan Williams (minn issa jissejjaħ ukoll l-Intervenut fil-Kawża Appellant) (flimkien ir-Rikonvenjenti Appellanti)** ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-17 ta' Novembru, 2016 u minnha interponew appell b'rikors tas-6 ta' Diċembru, 2016 fejn, għar-raġunijiet minnhom hemm mogħtija, talbu lil din il-Qorti "tirriforma s-sentenza appellata billi

tikkonferma ċ-ċessjoni tat-talbiet tal-Bank appellat, iżda tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tal-appellanti bl-ispejjeż kontra l-istess Bank appellat".

16. **Il-bank attur** ukoll ħassu aggravat peress li jqis illi l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx il-kap tal-ispejjeż dwar l-azzjoni attriċi u dwar il-kontrotalba promossa mill-intervenut fil-kawża u għalhekk, wara d-digriet kamerali tal-5 ta' Diċembru 2016 fuq imsemmi, intavola rikors tal-appell fit-22 ta' Diċembru, 2016 fejn talab, għar-raġunijiet hemm mogħtija, li din il-Qorti "Tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-17 ta' Novembru 2016 u d-Digriet Tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2016 fuq ir-Rikors tal-esponenti tad-29 ta' Novembru, 2016, billi Tikkonferma l-istess sentenza fejn: a) akkoljiet ir-risposti tal-Bank attur appellant; b) irrespinġiet it-talbiet [rikonvenzjonali] kollha tas-soċjetà konvenuta appellata; u ċ) irrespinġiet it-talbiet kollha kontenuti fil-kontro talba tal-intervenut fil-kawża bħala illeġittimament intavolati għalhekk nulli; Tikkonferma wkoll l-istess Digriet tal-5 ta' Diċembru, 2016 ....filwaqt illi Tipprovdi illi, minflok li jiġi deċiż sempliċement illi l-ispejjeż għandhom ikunu "bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-intimati fuq riferiti", Din l-Onorabbli Qorti ... Tiddeċiedi u Tipprovdi li, mhux biss li (i) l-ispejjeż tal-kontro talba tas-soċjetà Willsmart Limited għandha tħallashom l-istess soċjetà konvenuta appellata imma ukoll li (ii) l-ispejjeż tat-talbiet tal-kawża istitwita mis-soċjetà attriċi apellanti għandhom jiġu sopportati mill-appellati Willsmart Limited, Alfred u Marlene miżżewġin Williams u li (iii) l-ispejjeż

tal-kontro-talba istitwita mill-appellat intervenut fil-kawża Dunstan Williams, għandhom jiġu sopportati mil-istess appellat intervenut fil-kawża Dunstan Williams."

17. **Il-konvenuti Alfred u Marlene konjuġi Williams,** notifikati bl-appell tas-soċjetà konvenuta u tal-intervenut fil-kawża intavolaw appell inċidentali dwar il-kap tal-ispejjeż tat-talba u l-kontrotalba. L-aggravju tagħhom huwa illi ma kellhomx jiġu akkollati spejjeż peress li kien il-bank attur illi insista li l-konjuġi Williams ikunu garanti għall-faċilitajiet approvati. Jgħidu li b'hekk kienu obbligati li jagħtu tali garanzija skont is-*sanction letter* tal-14 ta' Lulju, 2000. Jgħidu li l-bank kellu assi biżżejjed sabiex jitħallas tant li kellu jkun bl-ordni tal-Qorti li nbiegħet il-proprjetà li kienet tagħmel tajjeb u b'hekk tħallas il-bank. Jgħidu li għalhekk ma kellhomx jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża għaliex huma kienu dejjem lesti li jħallsu d-dejn li kellha s-soċjetà konvenuta Willsmart Limited. Jilmentaw ukoll illi d-digriet tal-Ewwel Qorti tal-5 ta' Diċembru, 2016 ma ngħatax skont dak li jipprovdi artikolu 235 tal-Kap. 12 u li għalhekk għandu jiġi revokat. Għaldaqstant talbu lil din il-Qorti "tirriforma s-sentenza appellata tas-17 ta' Novembru, 2016, tikkonferma ċ-ċessjoni tat-talbiet tal-Bank appellat u tirrevoka d-digriet tal-5 ta' Diċembru, 2016 dwar il-kap tal-ispejjeż, u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat li l-esponenti għandhom [iħallsu] l-ispejjeż tat-talba u tal-kontro-talba flimkien mal-intimati l-oħra u konsegwentement tiddeċiedi dwar l-istess spejjeż billi

tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati mill-bank attur u li ma għandhomx jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kontro talba li saret mill-intimati l-oħra u mhux minnhom, bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-bank attur."

18. Kemm ir-rikors tal-appell tas-soċjetà konvenuta appellanti u tal-intervenut fil-kawża appellant kif ukoll ir-rikors tal-appell tal-bank attur appellant u l-appell inċidentali tal-konvenuti konjuġi Williams ġew notifikati lill-kontropartijiet rispettivi li ppreżentaw ir-risposti rispettivi tagħhom.

**Ikkunsidrat;**

19. L-**aggravji tar-rikonvenjenti appellanti s-soċjetà konvenuta u l-intervenut fil-kawża huwa,** fi kliemhom stess: "jikkonsisti prinċipalment fil-fatt [li] l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Novembru 2016, kienet laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-Attur Bank of Valletta fuq interpretazzjoni legali żbaljata tal-provi migbura."

20. Fl-<u>ewwel aggravju</u> tagħhom jgħidu illi l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonali tagħhom għaliex qieset illi l-bank attur kien ġustifikat li jwaqqaf il-faċilitajiet tal-appellanti għaliex il-garanzija ta' Alfred u Marlene konjuġi Williams ġiet preġudikata minħabba li Alfred Williams ammetta għar-reati kriminali; u peress li l-partijiet abbozzaw kuntratt ta' transazzjoni

iżda l-appellanti ma ffirmawħx u l-bank "stennewhom sabiex jirregolaw is-sitwazzjoni"; kif ukoll għaliex ma rriżultatx vjolenza morali u pressjoni.

21. Jgħidu illi kien il-bank attur li "insista" li l-konjuġi Williams ikunu garanti għall-faċilitajiet approvati lis-soċjetà konvenuta rikonvenjenti skont *sanction letter* tal-14 ta' Lulju, 2000; jgħidu illi s-soċjetà konvenuta ħadet ħsieb mhux biss li tħallas regolari l-pagamenti mensili dovuti iżda wkoll bdiet tħallas b'rata aktar mgħaġġla minn dak miftiehem; jgħidu illi l-Ewwel Qorti ġiet mitluba li tinvestiga r-raġuni għaliex il-bank attur waqqaf il-faċilitajiet; jgħidu illi ladarba l-kaġun ta' twaqqif tal-faċilitajiet lill-appellanti kien qed isir għaliex il-bank deherlu li l-garanzija ta' Alfred u Marlene Williams kienet ġiet diminwita "allura bħal ma hija l-prassi u konswetudini regolari bankarja, l-istess Bank kien sempliċement jitlob jew garanziji altervattivi jew rivizjoni tal-facilitajiet"; jgħidu illi dan apparti li l-bank kellu ġia garanziji suffiċjenti sabiex ikopru l-faċilitajiet mogħtija; jgħidu illi l-garanziji mogħtija ma kellhom x'jaqsmu assolutament xejn mal-akkużi kriminali li Alfred Williams kien qed jiffaċja indipendentement mill-eżitu tal-proċeduri penali; jgħidu illi anke jekk tneħħi l-garanziji li l-konjuġi Williams kienu qed jagħtu "il-Bank kien xorta jkun kopert sostanzjalment" u ma kienx jiġi preġudikat li kieku l-appellanti naqsu milli jħallsu id-dejn dovut; jgħidu illi r-relazzjoni ġuridika ta' bejn il-partijiet kienet dik regolata bil-kuntratt tat-18 ta' Awwissu, 2000 fejn id-diskrezzjoni tal-bank kienet li jirriduċi l-limitu tal-overdraft imma mhux li jwaqqafha u jikkanċellaha; illi t-

terminazzjoni tal-*overdraft* da parti tal-bank attur hija bi ksur tal-artikolu 992 (2) tal-Kap. 16; jgħidu illi meta l-bank attur iddeċieda li jittermina l-faċilitá bankarja Alfred Williams kien għadu qed jiġi investigat u s-sentenza kontra tiegħu ngħatat ħames snin wara; jgħidu illi l-bank attur ma aġixxiex kif aġixxa fuq motivazzjoni ta' nuqqas ta' garanziji iżda aġixxa b'użu abbużiv tal-pożizzjoni dominanti tiegħu sabiex isolvi kull kwistjoni li kellu ma' Alfred Williams billi jagħmel pressjoni ndebita u abbużiva fuq is-soċjetà konvenuta appellanti u aġixxa *in mala fede*; jgħidu illi l-bank naqas milli jiddiskuti mas-soċjetà konvenuta sabiex tinstab garanzija alternattiva iżda għadda mill-ewwel sabiex ittermina l-faċilitajiet bankarji u b'hekk espona lis-soċjetà konvenuta għad-danni kif ġew elenkati fir-rapport ta' Charles Attard bħala konsegwenza diretta u immedjata tal-aġir unilaterali u abbużiv tal-bank attur; jgħidu li l-Ewwel Qorti "m'għamlitx apprezzament ġuridiku korrett tal-provi" peress li l-Ewwel Qorti interpretat ħażin is-*sanction letter* tat-28 ta' Jannar 2003 fejn Dunstan Williams jingħata self ta' Lm153,876.85 bħala "offerta ta' transazzjoni" ma kienet offerta ta' transazzjoni xejn għaliex is-soċjetà konvenuta ma kellha l-ebda kwistjoni mal-bank attur x'titransiġi; jgħidu illi l-bank kien abbużivament u kontra kull prassi bankarja u mingħajr l-ebda awtorizzazzjoni ta' Dunstan Williams fetah numru ta' kontijiet bankarji f'isem l-istess Dunstan Williams li fuqhom intefgħu d-djun ta' diversi persuni li magħhom Dunstan Williams ma kellu l-ebda relazzjoni; jgħidu illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament erronju meta qalet "17.1 Illi fid-dawl tas-suespost giet redatta sanction

letter u iffirmata mir-rappreżentant tas-soċjetà intimata biex din tidhol garanti ghad-dejn tal-intimat Alfred Williams”; jgħidu illi l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata għaliex b'dik is-*sanction letter* Dunstan Williams ma kienx ser ikun garanti ta' Alfred Williams iżda kien ser jassumi direttament id-dejn ta' terzi persuni; jgħidu li l-bank attur ma kienx interessat jiddiskuti garanziji alternattivi għal dawk mogħtija mill-konjuġi Williams iżda li Dunstan Williams jidħol responsabbli għad-dejn ta' ħaddieħor; jgħidu illi hemm kontradizzjoni bejn ix-xhieda ta' John Cassar Torregiani mogħtija fis-17 ta' Novembru 2011 u x-xhieda tal-Avukat Dr Michael Borg Costanzi mogħtija b'affidavit peress li tal-ewwel xehed illi ma kellhom l-ebda problemi dwar pagamenti da parti tas-soċjetà konvenuta filwaqt li t-tieni xehed illi l-garanzija li kellu da parti tal-konjuġi Williams ġiet “impaired” b'mod li l-garanzija kienet tnaqqset u allura il-pożizzjoni tal-bank ġiet perikolata; jgħidu illi kuntrarjament għal dak sostnut mill-Ewwel Qorti l-faċilità ma twaqqfitx minħabba nuqqas fil-garanziji iżda minħabba l-konnessjoni li hemm bejn Dunstan Williams u missieru Alfred Williams;

22. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tagħhom ir-rikonvenjenti appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti “għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi” għaliex dan ma kienx każ fejn qed jiġi allegat li l-kunsens ta' parti kien ottenut bi vjolenza. Jgħidu li ma jistgħux jifhmu għaliex l-Ewwel Qorti trattat il-vizzju tal-kunsens minħabba vjolenza. Fil-fatt Dunstan Williams mhux iffirma

taħt vjolenza iżda ma ffirmax. Jgħidu li huwa minnu li r-rikonvenjenti appellanti allegaw li l-bank attur għamel minn kollox sabiex jeżerċita pressjoni u rikat kontra tagħhom, "iżda la ma aċċettawx is-self ta' €153,876.85 ma jistgħux ma jallegawx kunsens vizzjat".

23. It-tielet aggravju tar-rikonvenjenti appellanti huwa dwar il-kap tal-ispejjeż. Jgħidu li l-ispejjeż ma kellhomx isofruwhom kollha huma meta l-kawża ta' dan kollu kien il-bank attur li waqqaf il-faċilitajiet bankarji meta ma kienx hemm raġuni valida.

24. Il-bank attur appellat jgħid illi dan l-appell għandu jiġi miċħud, jgħid li kull aggravju tal-appellanti huwa msejjes fuq allegata interpretazzjoni ħażina ta' fatti u li għalhekk ma hu xejn ħlief stedina lil din il-Qorti sabiex tagħti interpretazzjoni ġdida għall-fatti kif jemerġu mill-atti proċesswali; jgħid illi l-appellanti mkien ma jgħidu fejn l-Ewwel Qorti ikkommettiet skorrettezza serja u gravi li jagħti lok għall-eżerċizzju tad-diskrezzjoni li għandha din il-Qorti; jgħid illi meta l-appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti għamlet "applikazzjoni ħazina tal-liġi għall-fatti" qed jippruvaw ilibbsu il-lanjanza tagħhom bħala xi lanjanza ta' natura ġuridika minflok ma jgħidu li ma għoġbithomx l-interpretazzjoni tal-fatti magħmula mill-Ewwel Qorti; Jgħid illi l-Ewwel Qorti għexet il-kawża fl-ewwel grad u għalhekk kienet f'pożizzjoni aħjar li tagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti, aktar u aktar f'dan il-każ fejn l-Ewwel Qorti semgħet il-provi kollha hi u ma ddelegatx il-

ġbir tal-provi lill-assistent ġudizzjarju; illi l-Ewwel Qorti tat spjegazzjoni dettaljata għal kif waslet għall-konklużjonijiet tagħha; illi l-fatti kif jirriżultaw mill-atti ma jwasslu bl-ebda mod għal xi forma ta' vjolenza, *ossia* pressjoni eżerċitata fit-termini legali mill-bank attur li tmur kontra l-liġi; jispjega illi mill-fatti kif jemerġu mill-atti joħroġ illi l-konvenuti kienu ben konxji mill-bidunett li l-bank kien qed jistrieħ fuq il-proprjetà ta' Alfred Williams sabiex tikkostitwixxi l-garanziji neċessarji ħalli s-soċjetà konvenuta tingħata l-faċilitajiet bankarji; jgħid illi s-self ingħata għaliex kien hemm il-garanziji addizzjonali ta' Alfred Williams; jgħid illi s-sottomissjoni tas-soċjetà konvenuta illi mingħajr il-garanziji tal-konjuġi Williams il-bank kien xorta kawtelat tmur kontra dak li ftehmu l-partijiet; jgħid illi l-bank kien għamilha ċara mill-ewwel illi kien lest biss jaċċetta li jagħti l-faċilitajiet jekk ikun hemm ukoll il-garanziji immobiljari tal-konjuġi Williams; jgħid illi dan kien aċċettat mill-bidunett mill-konvenuti nkluża s-soċjetà konvenuta u għalhekk ma tistax is-soċjetà konvenuta tippretendi illi l-bank ma messux ħa miżuri rigward dawk il-faċilitajiet; illi f'Diċembru 2002 il-bank attur kien rinfaċċjat b'sitwazzjoni fejn il-garanti, il-konvenut Alfred Williams, kien involut fi frodi a detriment tal-bank attur li kien ilaħħaq iċ-ċifra ta' circa Lm150,000.00 ekwivalenti għas-somma ta' €350,000.00 b'dan illi l-bank attur fehem illi kien rinfaċċjat bis-sitwazzjoni fejn il-proprjetà li Alfred Williams kien ta bħala garanzija għas-self lis-soċjetà konvenuta riedet ukoll isservi bħala garanzija tal-ħlas tal-ammont li l-konvenut Alfred Williams kien iffroda; tgħid illi eventwalment Alfred Williams kien tressaq

il-Qorti bl-akkużi ta' frodi, liema akkużi eventwalment ġew ammessi minn Alfred Williams; jgħid illi l-azzjoni li ħa l-bank kienet illi jwaqqaf l-*overdraft* sal-limitu li kien laħaq ittieħed sa dakinhar filwaqt li l-*loan account* ta' Lm60,000.00 ma ġiex milqut peress li l-faċilità kienet ingħatat kollha fis-sena 2000 u l-flus kienu għalhekk ġia versati kollha lis-soċjetà konvenuta; jgħid illi m'għandhiex mis-sewwa l-allegazzjoni tas-soċjetà konvenuta illi l-bank irrifjuta li jonora ċ-*cheques* li laħqu ħarġu qabel ma s-soċjetà konvenuta ġiet informata bid-deċiżjoni li ħa l-bank; tgħid illi mhux minnu li l-bank attur għamel pressjoni żejda fuq is-soċjetà konvenuta sabiex tagħmel tajjeb għad-dejn b'riżultat tal-frodi kommessa mill-garanti Alfred Williams, talli kien l-avukat stess tas-soċjetà konvenuta li fid-diskussjonijiet li kienu saru kien ippropona għan-nom tas-soċjetà konvenuta dak it-tip ta' arranġament "sabiex tiġi żblukkata" tant illi bil-parir tal-avukat tiegħu Dunstan Williams iffirma s-*sanction letter* li kienet tinkorpora dak li ġie miftiehem verbalment, firma li ma saritx dakinhar li ntaħaq l-akkordju imma żmien wara; jgħid illi mhux minnu dak allegat mill-appellanti illi l-bank waqqaf il-faċilitajiet bankarji kollha iżda, kif kellu jedd jagħmel, ilimita l-faċilità ta' *overdraft* minn Lm15,000.00 għal Lm10,600.00; jgħid illi bl-ebda mod ma jista' jitqies li l-bank ikkaġuna danni lis-soċjetà konvenuta meta ħalla minn Diċembru 2002 sas-26 ta' Mejju, 2006 mingħajr ma ħa l-ebda passi sabiex jiġbor id-dejn tas-soċjetà konvenuta; jistaqsi l-bank attur kif seta' kkaġuna danni jekk il-flus kienu

ġia mislufa lis-soċjetà konvenuta, u baqgħu f'idejha għal ħames snin u nofs sħaħ.

**Ikkunsidrat;**

25. Huwa minnu kif issottometta l-bank attur illi l-appell tar-rikonvenjenti jirrigwardja apprezzament tal-fatti li ma għandux jiġi disturbat jekk mhux għal raġunijiet gravi; iżda huwa minnu wkoll li l-ġurisprudenza fir-rigward hija aktar liberali llum milli kienet fil-passat. B'daqshekk ma jfissirx illi ma għadhiex tgħodd ukoll il-ġurisprudenza li trid illi Qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax l-interpretazzjoni tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux għal raġunijiet serji u gravi fejn jirriżulta bl-aktar mod ċar interpretazzjoni żbaljata. Mod ieħor, din il-Qorti għandha s-setgħa, u d-dover, li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata jekk jirriżultaw ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġjonevoli, jew manifestament żbaljat jew jekk jirriżulta illi l-apprezzament tal-fatti huwa kontradett mill-atti jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed bil-konsegwenza li jekk ma tintervjenix il-Qorti tat-tieni grad tkun ser titwettaq inġustizzja (**Antoine Spiteri v. Mario Vella et.** - Qorti tal-Appell - 15 ta' Novembru, 2023).

26. Illum huwa aċċettat illi fejn jidħol l-apprezzament tal-provi mwettaq minn qorti tal-Ewwel Istanza, "il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-Ewwel Qorti tkun semgħet *viva voce* qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti" (**Dr Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr Joseph Muscat – Prim Ministru et.** – Qorti tal-Appell – 14 ta' Diċembru, 2018; ara wkoll **Stephen Tanti et. v. Louis Scerri Montalto et.** – Qorti tal-Appell – 8 ta' Ottubru, 2020).

27. Jibqa' għalhekk l-oneru fuq l-appellant li juri fejn il-Qorti tal-ewwel grad għamlet apprezzament skorrett tal-fatti. Din il-Qorti għarblet sew il-provi mressqa u ma ssib xejn li jista' remotament iwassalha għal interpretazzjoni tal-fatti diversa minn dik li waslet għaliha l-Ewwel Qorti.

28. L-appellanti jgħidu illi l-Ewwel Qorti "m'għamlitx apprezzament ġuridiku korrett tal-provi" meta interpretat is-*sanction letter* tat-28 ta' Jannar, 2003 bħala 'offerta ta' transazzjoni' għaliex skont l-appellanti din ma kienet offerta ta' transazzjoni xejn iżda pressjoni abbużiva da parti tal-bank attur sabiex Dunstan Williams iħallas dejn ta' terzi.

29. Din il-Qorti ssib illi dan l-aggravju għandu mill-fieragħ msejjes fuq pretensjoni fattwalment skorretta. L-appellanti jonqsu milli jsemmu illi dik is-*sanction letter* inħarġet mill-bank attur wara diskussjonijiet bejn il-bank attur u l-intervenut fil-kawża Dunstan Williams u l-avukat tiegħu ta' dak iż-żmien. Kien biss wara li ntlaħaq ftehim verbalment bejn Dunstan Williams bl-assistenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu fuq naħa u l-bank attur bl-assistenza tal-konsulenti tiegħu fuq in-naħa oħra, li nħarġet dik is-*sanction letter*. Bil-fatt li l-avukat li qed jassisti lis-soċjetà konvenuta fil-kawża odjerna huwa avukat divers mill-avukat tal-fiduċja li s-soċjetà konvenuta u Dunstan Williams kellhom dakinhar matul dawk id-diskussjonijiet li waslu għal dik is-*sanction letter* ma jnaqqas xejn mill-fatt illi s-soċjetà konvenuta kienet assistita mill-avukat tal-fiduċja tagħha, ipparteċipat attivament fid-diskussjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni u finalment intlaħaq ftehim li huwa rifless fis-*sanction letter* datata 28 ta' Jannar, 2003 iffirmata mill-istess Dunstan Williams.

30. Jirriżulta wkoll illi għalkemm Dunstan Williams iffirma dik is-*sanction letter,* huwa eventwalment reġa' bdielu li jidħol għal dak id-dejn u effettivament il-kuntratt ta' self ma mmaterjalizżax ruħu.

31. Jiġi wkoll osservat illi s-*sanction letter* ma ġietx iffirmata minn Dunstan Williams dakinhar li ngħatatlu kopja tagħha imma żmien wara sabiex b'hekk ingħata kull opportunità li jikkonsulta ruħu mal-professjonisti tal-fiduċja tiegħu sabiex jaraw kif ser "jisblukkaw is-sitwazzjoni" maħluqa minħabba li *garanti in solidum* tad-dejn tas-soċjetà konvenuta mertu tal-azzjoni attriċi, spiċċa akkużat bi frodi għad-dannu tal-istess bank attur għas-somma ta' circa €350,000.00.

32. Is-soċjetà konvenuta tressaq l-aggravju illi hija batiet id-danni peress li meta l-bank attur ġie rinfaċċjat b'dik is-sitwazzjoni ta' frodi fl-ammont ta' €350,000.00 da parti tal-garanti, minflok ma qagħad jiddiskuti ma' Dunstan Williams xi forom ta' garanziji alternattivi " ... għażel li jgħaddi sabiex, mingħajr ebda ġustifikazzjoni legali, kontrattwali jew ta' prassi bankarja, jittermina l-faċilitajiet konċessi lis-soċjetà appellanti ... li għandu jwassal biex huwa espona ruħu għad-danni li s-soċjetà appellanti sofriet, kif elenkati fir-rapport ta' Charles Attard, bħala konsegwenza diretta u immedjata ta' tali aġir uniltaterali abbużiv".

33. Din il-Qorti tgħid mill-ewwel li dan huwa aggravju mill-aktar fieragħ illi ma jsib l-ebda riskontru fil-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti. Il-provi ma jħallu l-ebda ombra ta' dubju illi mhux minnu li l-bank attur "ittermina l-faċilitajiet konċessi lis-soċjetà appellanti". Bħala rikapitulazzjoni tal-fatti rilevanti, jirriżulta illi f'Diċembru 2002, meta faqqgħet il-kwistjoni tal-frodi tas-somma ta' circa €350,000.00 mill-konvenut Alfred Williams, is-soċjetà konvenuta kienet ilha li ħadet b'self is-somma ta' €60,000.00 'il fuq minn sentejn filwaqt li mill-*overdraft* ta' €15,000.00 hija kienet ġibdet €10,600.00. Li għamel il-bank attur kien illi f'dawk iċ-ċirkostanzi gravi u straordinarji jipproteġi l-interessi tiegħu u niżżel il-limitu tal-*overdraft* minn €15,000.00 għal €10,600.00 u ma għamel l-ebda *call in* la għas-somma ta' €10,600.00 u lanqas tas-somma ta' €60,000.00. Jirriżulta illi minn dakinahar għaddew is-snin qabel ma l-bank attur għamel il-*call in* u intavola l-kawża odjerna.

34. L-interpretazzjoni skorretta tal-fatti ma kenitx l-Ewwel Qorti li għamlitha imma pjuttost is-soċjetà appellata meta sejset l-azzjoni rivendikatorja tagħha fuq il-premessa fattwalment skorretta illi f'Diċembru 2002 il-bank attur "ittermina l-faċilitajiet" bankarji konċessi lis-soċjetà appellanti, allegazzjoni fiergħa li l-appellanti rrepetew kemm-il darba fir-rikors tal-appell tagħhom.

35. Ir-rikonvenjenti appellanti jilmentaw ukoll illi l-Ewwel Qorti ttrattat it-talba rikonvenzjonali tagħhom daqslikieku kienet imsejsa fuq allegat kunsens ottenut bil-vjolenza. Jgħidu li huma qatt ma allegaw kunsens ottenut bil-vjolenza imma li l-bank attur ipprova jagħmel dan "billi ttermina unilateralment u ħesrem il-faċilitajiet ta' *overdraft* għas-soċjetà Willsmart". Għalhekk jgħidu li kien kompletament irrilevanti l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar id-dotrina ta' kunsens vizjat minħabba vjolenza.

36. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li għalkemm l-Ewwel Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza li analizzat il-vizzju tal-kunsens b'effett ta' vjolenza morali; fl-istess ħin osservat illi dak li l-konvenuti qed isejħu pressjoni abbużiva mill-bank attur kontra s-soċjetà konvenuta u l-intervenut fil-kawża kienet proposta li proprju ressquwha l-istess soċjetà konvenuta u intervenut fil-kawża bl-assistenza tal-avukat tal-fiduċja tagħhom lill-bank attur. Tgħid hekk l-Ewwel Qorti: "44. Illi jirriżulta li l-idea li l-istess soċjetà intimata tagħmel tajjeb għal dan id-dejn kospikwu hekk riżultanti effettivament oriġinat mill-istess soċjetà intimata u mir-rappreżentant legali li kien hemm qiegħed jassistiha". Osservat ukoll l-Ewwel Qorti illi l-bank attur għamel is-snin mis-sena 2003 jistenna lis-soċjetà konvenuta sabiex tirregolarizza s-sitwazzjoni maħluqa minħabba l-frodi kommessa mill-garanti konvenut a detriment tal-istess bank attur.

37. Jirriżulta mill-atti, senjatament il-kuntratt ta' bejn il-bank attur u s-soċjetà konvenuta:

> "It is agreed that the indication of fifteen thousand Maltese liri (Lm15,000) as a limit shall not imply any obligation on the part of the bank to allow the customer to overdraw to such a figure or any right of the customer to banking facilities up to that amount, it being understood that the total amount up to which customer may be indebted to the bank shall at all times be at the absolute discretion of the bank".

38. Kien ikollha raġun is-soċjetà konvenuta kieku wriet illi l-bank aġixxa kapriċċożament mingħajr l-ebda raġuni valida u għamel *call in* sew tal-*overdraft account* kif ukoll tal-*loan account*. Frodi ta' €350,000.00 da parti tal-garanti a detriment tal-istess bank altru milli hija raġuni valida sabiex il-bank uża d-diskrezzjoni tiegħu kif stipulat fil-kuntratt mas-soċjetà konvenuta. Ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata f'dan ir-rigward.

39. L-aħħar aggravju tas-soċjetà konvenuta u intervenut appellanti jirreferi għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn addossat l-ispejjeż kollha tal-kawża il-konvenuti. Jgħidu hekk: "Illi dwar l-ispejjeż - l-appellanti jikkontendu li l-ispejjeż ma kellhomx isofruhom huma meta l-kawa ta' dan kollu kien l-bank li minflok analiżża s-sitwazzjoni, ppenikja, u waqqaf il-faċilitajiet bankarji meta kien hemm assi biżżejjed x'jagħmel tajjeb għal dan is-self ....".

40. Tenut kont li l-Ewwel Qorti sabet infondati t-talbiet rikonvenzjonali u għalhekk ċaħdithom, u tenut kont li s-sorte tal-azzjoni attriċi tħallas fil-mori tal-kawża wara li kif osservat l-Ewwel Qorti l-bank attur kien ilu s-snin jistenna li s-soċjetà konvenuta tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, din il-Qorti ssib illi kien anzi doveruż fuq l-Ewwel Qorti li takkolla l-ispejjeż tal-kawża fuq il-konvenuti sokkombenti.

41. Fl-appell konġunt mas-soċjetà konvenuta, l-intervenut fil-kawża jgħid li huwa qed jappella flimkien mas-soċjetà konvenuta mill-"kapijiet fejn huma sokkombenti u qed jinterponu l-umili appell tagħhom permezz ta' dan l-att mill-istess kapijiet imsemmija". F'paragrafu 46.3 tad-*decide* l-Ewwel Qorti qalet hekk: "Tirrespinġi wkoll it-talbiet kontenuti fil-kontrotalba tal-intervenut fil-kawza bhala illegittimament intavolati u għalhekk nulli." L-Ewwel Qorti waslet għal dik id-deċiżjoni wara li kkunsidrat:

> "21.4 Għalhekk, fid-dawl tas-suespost għandu jkun paċifiku li l-intervenut mhuwiex intimat konvenut fil-proċedura;
>
> 21.5 Illi konsegwentement issir referenza għall-artikolu 396 tal-Kap 12 in kwistjoni, li jistipula bi kjarezza li hu l-konvenut, (illum intimat), li "jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur", (illum ir-rikorrent).
>
> 21.6 Illi konsegwentement isegwi li ġialadarba l-intervenut mhuwiex ekwiparabbli ma' konvenut jew intimat, isegwi li l-intervenut fil-kawża ma jistax u mhux possibbli għalih li jintavola kontrotalba;
>
> 21.7 Illi in vista tal-premess, l-ewwel risposta tal-bank rikorrenti rikonvenzjonat intavolata fil-konfront tal-intervenut fil-kawża Dunstan Williams għandha tiġi akkolta".

42. Fl-appell minnu promoss l-intervenut fil-kawża ma jressaq l-ebda raġuni għaliex qed jappella minn tali deċiżjoni. Jgħid biss li qed jappella mill-kapi kollha tas-sentenza fejn kien sokkombenti u ma jgħid xejn aktar. Appell dan mill-aktar fieragħ li ma jimmerita l-ebda kunsiderazzjoni ulterjuri.

**43. Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-appell tas-soċjetà konvenuta u tal-intervenut fil-kawża.**

44. Il-**konvenuti Alfred u Marlene konjuġi Williams,** notifikati bl-appell tas-soċjetà konvenuta u tal-intervenut fil-kawża intavolaw appell inċidentali dwar il-kap tal-ispejjeż tat-talba u l-kontrotalba. L-aggravju tagħhom huwa illi ma kellhomx jiġu akkollati spejjeż peress li kien il-bank attur illi insista li l-konjuġi Williams ikunu garanti għall-faċilitajiet approvati. Jgħidu li b'hekk kienu obbligati li jagħtu tali garanzija skont is-*sanction letter* tal-14 ta' Lulju, 2000. Jisħqu illi l-bank kellu assi biżżejjed sabiex jitħallas tant li kellu jkun bl-ordni tal-Qorti li nbiegħet il-proprjetà li kienet tagħmel tajjeb u b'hekk tħallas il-bank. Jinsistu li għalhekk ma kellhomx jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża għaliex huma kienu dejjem lesti li jħallsu d-dejn li kellha s-soċjetà konvenuta Willsmart Limited. Jilmentaw ukoll illi d-digriet tal-Ewwel Qorti tal-5 ta' Diċembru, 2016 ma ingħatax skont dak li jipprovdi artikolu 235 tal-Kap. 12 u li għalhekk għandu jiġi revokat. Għaldaqstant talbu lil din il-Qorti "tirriforma s-

sentenza appellata tas-17 ta' Novembru, 2016, tikkonferma ċ-ċessjoni tat-talbiet tal-Bank appellat u tirrevoka d-digriet tal-5 ta' Diċembru, 2016 dwar il-kap tal-ispejjeż, u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat li l-esponenti għandhom [iħallsu] l-ispejjeż tat-talba u tal-kontro-talba flimkien mal-intimati l-oħra u konsegwentement tiddeċiedi dwar l-istess spejjeż billi tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati mill-bank attur u li l-appellati ma għandhom[x] jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kontro talba li saret mill-intimati l-oħra u mhux minnhom bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-bank attur."

45. Din il-Qorti tqis l-ewwel aggravju tal-konjuġi Williams dwar id-digriet tal-5 ta' Diċembru, 2016 bħala fondat. Il-bank attur ikkonsidra, erronjament kif ser naraw aktar 'l isfel, illi s-sentenza appellata kienet ħalliet barra deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż rigwardanti l-azzjoni attriċi u dwar l-ispejjeż tal-intervenut fil-kawża. Kien għalhekk li l-bank intavola rikors a*b omissa decisione ai termini* tal-artikolu 235 tal-Kap. 12 li però ġie mill-Ewwel Qorti ddegretat kameralment fil-5 ta' Diċembru, 2016 minflok ma ġie appuntat għas-smigħ kif jitlob l-artikolu msemmi. Fejn applikabbli deċiżjoni *ai termini* tal-artikolu 235 tal-Kap. 12 hija sentenza u għalhekk trid tingħata fil-miftuħ. Għalhekk qed tilqa' dan l-aggravju u tħassar id-digriet tal-5 ta' Diċembru, 2016.

46. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom il-konvenuti Williams jgħidu illi l-ispejjeż tal-kawża kellhom jitħallsu mill-bank attur minħabba li skonthom kien tort l-aġir tiegħu li wassal għal din il-kawża u li fi kwalunkwe każ qatt ma kellhom jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kontrotalba intavolata mis-soċjetà konvenuta waħeda.

47. Dwar l-ispejjeż tal-azzjoni attriċi, kif rajna aktar qabel l-appell prinċipali tas-soċjetà konvenuta ġie riġettat u għall-istess raġunijiet l-aggravju tal-konjuġi Williams dwar l-ispejjeż tal-kawża attriċi qiegħed ukoll jiġi riġettat.

48. Mhux l-istess fir-rigward tal-ispejjeż tal-kontrotalba. Huwa minnu li l-konjuġi Williams intavolaw ir-risposta ġuramentata tagħhom flimkien mas-soċjetà konvenuta; però ma intavolawx kontrotalba li ġiet intavolata unikament mis-soċjetà konvenuta.

49. Għalhekk issib dan l-aggravju parzjalment fondat limitatament dwar l-ispejjeż tal-kontrotalba u kosegwentement ser tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li l-ispejjeż tal-kontrotalba għandhom jiġu sopportati esklussivament mis-soċjetà konvenuta.

50. Il-bank attur ressaq l-appell tiegħu msejjes fuq l-aggravju illi l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx il-kap tal-ispejjeż tal-azzjoni attriċi u tal-azzjoni

rivendikatorja tal-intervenut fil-kawża imma li ddeċidiet biss il-kap tal-ispejjeż tal-azzjoni rivendikatorja.

51. Din il-Qorti eżaminat is-sentenza appellata u ma ssibx li l-Ewwel Qorti ħalliet barra mid-deċiżjoni tagħha xi parti mill-ispejjeż ġudizzjarji. L-Ewwel Qorti għalqet is-sentenza minnha pronunzjata billi ordnat: "Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-intimati fuq riferiti". Huwa evidenti għal din il-Qorti illi meta l-Ewwel Qorti qed tirreferi għal "din il-proċedura" qed tirreferi għall-atti kollha tal-kawża fl-intier tagħha u mhux għal xi parti mill-atti ad esklużjoni ta' parti oħra mill-atti. Meta qed tirreferi għall-intimati qed tirreferi għall-konvenuti s-soċjetà konvenuta u l-konjuġi Williams.

52. B'sostenn ta' din il-fehma din il-Qorti eżaminat ukoll sentenzi oħra tal-Ewwel Qorti kif kienet presjeduta meta ngħatat is-sentenza appellata b'mod partikolari fejn il-kawża kellha sew talbiet attriċi kif ukoll dawk rikonvenzjonali. Tinnota li fejn il-kap tal-ispejjeż huwa deċiż b'referenza għal "din il-proċedura" qed tirreferi għall-ispejjeż kollha tal-kawża sew dawk marbuta mat-talbiet attriċi kif ukoll dawk marbuta mat-talbiet rikonvenzjonali. Ara *ad exemplum* ***Godwin Schembri vs. Lawrence Theuma*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Ottubru, 2017 (nru. 501/2013SM): "52.9. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat" *u* ***Deborah Lia vs. Angelo Zahra*** mogħtija mill-Prima' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' April, 2018 (nru. 77/2014SM): "18.14. Bl-ispejjez ta' din il-

procedura jkunu divizi bil-mod segwenti: Terz, (1/3), ghar-rikorrenti Deborah Lia; u Zewg terzi, (2/3), ghall-intimat Angelo Zahra." Fiż-żewġ kawżi appena ċitati l-konvenuti ressqu kontrotalba.

**53.** Issib għalhekk illi l-Ewwel Qorti akkollat l-ispejjeż tal-kawża u tal-kontrotalba kif ukoll tal-intervenut fil-kawża fuq il-konvenuti s-soċjetà Willsmart Limited u l-konjuġi Williams. Konsegwentement l-aggravju tal-bank attur jirriżulta li ma jsibx riskontru fis-sentenza appellata u konsegwentement tiċħad l-appell tal-bank attur.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda,

1. Tiċħad l-appell tas-soċjetà konvenuta u tal-intervenut fil-kawża;

2. Tiċħad l-appell tal-bank attur;

3. Tilqa' parzjalment l-appell inċidentali tal-konvenuti konjuġi Williams b'dan illi tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha biss fejn ordnat lill-konjuġi Williams iħallsu l-ispejjeż tal-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta u tal-kontrotalba tal-intervenut fil-kawża.

4. Tvarja l-kap tal-ispejjeż kif deċiż mill-Ewwel Qorti billi tordna illi l-ispejjeż kollha tal-kawża fl-ewwel grad jitħallsu kif ġej: l-ispejjeż tal-azzjoni attriċi jitħallsu *in solidum* mis-soċjetà konvenuta u mill-konvenuti konjuġi Williams; l-ispejjeż tal-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta jitħallsu mill-istess soċjetà konvenuta; filwaqt li l-ispejjeż tal-kontrotalba tal-intervenut fil-kawża jitħallsu mill-istess intervenut fil-kawża.

5. L-ispejjeż tal-proċedura fit-tieni grad jitħallsu kif ġej: l-ispejjeż tal-appell tas-soċjetà konvenuta u tal-intervenut fil-kawża a karigu tagħhom *in solidum* bejniethom; l-ispejjeż tal-appell tal-bank attur a karigu tal-istess bank attur; l-ispejjeż tal-appell inċidentali tal-konvenuti konjuġi Williams a karigu tas-soċjetà konvenuta.

6. Mill-bqija tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss